MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-4 ta' Awwissu, 2010

Numru 791/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daniel Zammit)**
**vs**
**Valerie Camilleri**
**Danats Smons**

Il-Qorti

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputati, detentrici ta’ karta ta’ l-identita bin-numru 63002 (L) u detentur ta’ passaport Latvian bin-numru LV3370218 rispettivament:

Akkuzati talli bejn Frar 2010 u Lulju 2010 gewwa Paceville San Giljan u gewwa dawn il-Gzejjer b’diversi atti maghmulin minnhom fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda:

Ikkommettew serq minn gewwa l-hanut ‘BarNative’ sitwat f’St Rita Steps Paceville, San Giljan ghad-dannu tas-

sidien u diretturi tal-istess kumpanija, liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna u bil-valur li jaqbez il-232.94 Euro izda mhux it-2329.37 Euro.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet lill-imputati jammettu l-akkuzi f'liema ammissjoni insistew anke wara li l-qorti tathom hin li jirrikonsidraw.

Fuq tali ammissjoni volontarja u inkundizzjonata qeghda ssib lill-imputati hatja ta' serq aggravat bil-valur u l-persuna.

Rat l-Artikolu 162 (c) (d), 267, 268 (a), 279 (a), 280 (1) tal-Kap 9.

Semghet it-trattazzjoni fuq il-piena.

Tiddeciedi li tapplika kontra l-imputati l-Artikolu 22 tal-Kap 446 u tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor punibbli bi prigunerija zmien sena mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------